MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 350/2007

**Il-Pulizija**
**(Dr. D. Saliba)**
**Vs**

**Gordon Bonavia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar is-16 t’April, 2007, ghall-habta tal-10.30 a.m. u fil-gimghat ta’ qabel, fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur ta’ J. Bonavia and Nephews Limited, fuq is-sit ta’ Triq Birbal, Balzan, (ex-Papillon), naqas milli jhares is-sahha w sigurta’ ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi neccessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 6(1) ta’ l-att 27/2000 Kap. 424;

2. fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur ta’ l-imsemmija kumpanija fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li thaddem, u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti w sistematika tal-perikli ghas-sahha w s-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha w s-sigurta’ tal-haddiema w tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza w dan ai termini ta’ l-artikolu 10(1) ta’ l-A.L. 36/03;
3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem hames haddiema jew aktar, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu kopja bil-miktub jew li tista’ tinkiseb b’mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta’ l-artikolu 10(2) ta’ A.L. 36/03;
4. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas milli jipprovdi w jizgura li jkun hemm, taht il-kontroll tieghu, fil-hinijiet kollha, sinjali ta’ sahha u/jew ta’ sigurta’ kif imiss u xierqa w f’dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqqas b’teknikalitajiet ghall-harsien kollettiv, jew b’mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizzazzjoni tax-xoghol, jew fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta’ twahhil ta’ sinjali xierqa, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 4(1) ta’ A.L. 45 ta’ l-2002.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 6(1) tal-Att 27/2007, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 10(1) u 10(2) tal-Avviz Legali 36/2003, u r-Regolament 4(1) tal-Avviz Legali 45/2002, ma sabitx lill-appellat hati w ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w

minflok issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi w apprezzament hazin tal-provi, stante li biex l-appellat seta' jigi liberat, l-appellat kellu jimxi skond id-dettami specifici tal-ligijiet li a bazi taghhom inharghu l-imputazzjonijiet odjerni. Dawn il-ligijiet ipoggu l-oneru tal-prova fuq l-imputat sabiex huwa juri li effettivament ghamel dak kollu li hu seta' ragjonevolment jaghmel ai termini tar-Regolament 20 tal-Avviz Legali 36 ta' l-2003 u r-regolament 5 tal-Avviz Legali 45 tas-sena 2002. Dwar l-ewwel imputazzjoni bis-sahha biss tar-ritratti esebiti mill-Ufficjal tal-Awtorita' dwar is-Sahha w s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol , l-Ewwel Qorti kellha effettivament issib htija anki a bazi ta' din l-imputazzjoni. Saret ukoll riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti "**Il-Pulizija vs. Adrian Fenech et."**

Rat l-ordni taghha tas-6 ta' Dicembru, 2007, biex din il-kawza tinstema flimkien mall-appelli numri 351/07 u 352/07 appuntati ghall-istess jum.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;.

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda jistghu jigu ri-assunti kif gej:-

**MELINO MERCIECA**, ufficjal tal-Awtorita' dwar is-Sahha w Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, inkarikat mis-sezzjoni

tal-kostruzzjoni, xehed li fis-16 t' April, 2007, ghall-habta tal-10.30am., kien ghamel spezzjoni go sit ta' kostruzzjoni go Triq Birbal, Balzan fejn kien qed isir xoghol ta' demolition. Iltaqa' mal-kuntrattur li kien Gordon Bonavia w impjegat tieghu Noel Lyons. Innota li kien ghaddej ix-xoghol b' mod perikluz u traskurat. Hu kien ghalhekk ha r-ritratti esebiti li huma *black and white photocopies* tal-original. (Hawn il-Qorti awtorizzat l-esebizzjoni tal-original bil-kulur tal-fotografiji). Skondhu ma kienu ttiehdu ebda mizuri biex jissalvagwardaw is-sigurta' tan-nies tax-xoghol li kienu qed jaghmlu d-demolition u ta' min kien ghaddej minn hemm. Ma kien hemm ebda mizuri li setghu jisseparaw ix-xoghol bhal xi *barriers* tal-*concrete* u xi xibka tal-hadid. F' dal-kaz ma kien hemm xejn biex persuni specjalment xi tfal ma jidhlux fis-sit anki wara l-hin tax-xoghol peress li dan thalla miftuh berah. Ma twahhlux sinjali ta' sahha w sigurta'. Ma saret ebda evalwazzjoni ta' riskji kbar li jgibu ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni. Dan irid ikun bil-miktub meta jkun hemm aktar minn hames min-nies. F'dal-kaz hu ra zewg persuni jahdmu hemm fuq is-sit. Ma kienx hemm *risk assessment* bil-miktub skond ma kien qallu l-istess appellat Gordon Bonavia. Pero' f' dan il-kaz ghalkemm dan ma sarx bil-miktub, jidher mill-fatti li lanqas biss kien sar mhux bil-miktub ghax ma ttiehdux prekawzjonijiet xejn.

Hu ghalhekk kien ordna li x-xoghol jieqaf u li huma jmorru id-Dipartiment. Il-perit Cortis, is-sid Buttigieg u Gordon Bonavia l-kuntrattur li kien qed iwaqqa' kienu marru d-Dipartiment ghal *meeting* li sar f' xis-2.30pm. Hu kien rega' staqsa lill-appellat Bonavia jekk kienx sar *assessment* u dan kien wiegbu li ma kienx sar. Buttigieg qal li kien qabbad lil Perit Stanley Cortis bhala *Project Supervisor* skond ir-regolamenti tal-2004.

Il-Perit Cortis kien accetta li hu kien *Project Supervisor*. Id-Dipartiment pero' ma kien irceva ebda notifika dwar min kien ser ikun il-*Project Supervisor*. Wara pero' kienu irecevew ittra tal-perit Spiteri (Fol. 10) tas-16 t' April, 2007 bil-*letter head* ta' EMDP u jirriferi ghal *"my clients' premises".*

Buttigieg kien qallu li ma kellux *Health and Safety File*. Il-Perit Cortis qallu li ma kienx ghamel *"a Health and Safety Plan"* u ammetta li ma kienx innotifika lid-Dipartiment bil-progett fuq insistenza tax-xhud. Hu kien ta ordni lill-appellat Bonavia biex jaghmel *risk assessment*, lil Cortis biex jaghmel *Health and Safety Plan* u jinnortifika lid-Dipartiment u lill-Butigieg tah ordni biex jaghtihom id-dettalji tal-kuntratturi w s-*sub-contractors*.

Dawn damu xi gimgha w nofs biex obdew. Meta saret in-notifika gie dikjarat li x-xoghol kien ser jiehu aktar minn 2000 men days u li kienu ser jahdmu xi sitt persuni..

Il-Perit Cortis kien qallu li qed jitkellem ghan-nom ta' EMDP. Ix-xoghol kien beda xi erbat ijiem qabel skond l-appellat Bonavia w wara, fin-notifika, hareg li kien ser jinvolvi aktar minn "*2000 man days".*

Wara ghamlu kollox u hadu l-prekawzjonijiet mehtiega. Buttigieg ghamel *file* imma mhux ghas-sodisfazzjon tad-Dipartiment ghax ried isir aktar fid-dettall.

In kontro-ezami, x-xhud qal li l-Perit Cortis wiegeb ghan-nom tal-kumpanija EMDP. Buttigieg kellu ditta bl-isem RJC Caterers Ltd. Kien minnu li l-forma tas-sit kienet tawwalija, imma ma kienux qablu kif kien qed jopera l-kuntrattur. Il-*pedestrians* iridu jigu salvagwardati. Kien perikoluz bin-nies ghaddejjin bil-gebel niezel hdejn saqajhom u dak il-hin kien qed isir xoghol u gebel niezel fuq il-bankina.

**ALEXIA VASSALLO,** li dehret ghall-Malta Financial Services Corporation (MFSC), ikkonfermat l-awtenticita' tal-kopja tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija J. Bonavia and Nephews Limited li tinsab esebita fil-process.

**IL-PERIT MARIELLO SPITERI**, xehed li hu kien responsabbli minn dan is-sit bhala perit u kien gie mqabbad mill-klienti tieghu RTC Caterers biex jaghmlu zvilupp. Kien ipprezenta l-applikazzjoni quddiem il-MEPA. Hargu l-permess. Umbaghad bdew is-*site supervision*

bhala periti w kienu ghadhom responsabbli ghas-*site* sa' meta kien qed jixhed, ghax is-*site* ghadu qed jinbena. Kien hemm is-socjeta' EMDP li hija socjeta' ta' periti.li hi *limited liability company*. Hu direttur taghha w maghhom hemm impjegati hames periti. Stanley Cortis hu perit impjegat mas-socjeta' w responsabbli minn dik is-*site.* Jekk pero' ikun hemm xi problemi mal-MEPA, dawk jiehu hsiebhom hu. Cortis jiehu hsieb id-*day-to-day site work* biex ikun cert li l-operat tas-*site* u l-kuntrattur ikunu qed jimxu *"according to regulations".* L-Engineer Frederick Camilleri (Sic!) huwa *Health and Safety Officer* responsabbli minn dan is-*site* skond id-dokumentazzjoni li huma baghtu lil *Health and Safety officials*. Huma accettaw dan id-dokument u huma baqghu ghadejjin bil-process u hadd ma waqqafhom. Dan id-dokument huma kienu baghtuh wara l-*inspection* tas-16 ta' April, 2007.

Is-*site* in kwistjoni hija dejqa hafna, mhux fonda w b' faccata twila. Bil-fors kellhom jaghmlu li jnehhu l-materjal minn-naha ta' wara. Mbaghad kellu jibda' jitwaqqa' l-bicca ta' barra tas-*site* biex ikunu jistghu jidhlu gewwa lejn il-bini. Meta dan sar kien hemm il-wardens fuq is-*site* biex iwaqqfu t-traffiku meta kienu qed isiru d-*demolition works*. Kienu fil-process meta tbattlet l-ewwel parti tas-*site* ossia l-bicca ta' barra. Mbaghad la darba seta' jitwaqqa' l-bini kollu, jittella' hajt recint mad-dawra tond tas-*site*. Dan ma setax jitla' qabel ghax kieku l-makkinarju ma jkunx jista' jdur fis-*site* ghax kienet dejqa wisq. It-triq kienet maghluqa meta dan ix-xoghol kien qed isir. Kieku s-*site* kien ser jitwaqqa' bl-idejn xorta kien ser ikun hemm problemi li jistghu ikunu ta' perikolu ghall-*pedestrians* ukoll. Ghalhekk l-uniku mezz li twaqqa kien li jkun hemm il-*wardens on site*, jaghalqu t-triq. Ma setax isir ix-xoghol f' gurnata wahda w ghalhekk, wara li twaqqa' l-bini kien ghad hemm dak il-borg *on site.* Immedjetament li dan il-borg setghu jidhlu jkomplu x-xoghol. Hu kien mar hu stess fuq il-post diversi drabi. Hu kien baghat l-ittra esebita a fol. 10 fejn kien spjega il-*method statement* li kien qed juza. Id-Dipartiment ghal din l-ittra accettaw il-kaz kif ser joperaw.Taw il-*go ahea*d biex joperaw. Gabu permess mill-ADT biex temporanjament jiehdu l-bankina biex ikun jista jsir cint ta' protezzjoni. Kull ma fiha din il-bankina

kienu 60 centimetru w mhix enormi. L-ADT tawhom sitt xhur cans biex jiskavaw is-*site* u jtellghu cint fuq il-bankina w, wara li titla l-ewwel faccata tal-bini, jkunu jistghu jnehhu c-cint li qed qed jipprotegi s-site ghax umbaghad is-*site* tkun maghluqa. Id-Dipartiment kienu accettaw li jahdmu b' dak il-mod u tawhom il-*go ahead*. Huma ghamlu x-xoghol mill-aktar fus possibbli biex il-periodu jkun imnaqqas kemm jista' jkun. Huma mxew mar-regolamenti mill-A saz-Z.

Mill-ufficcju tieghu kien hemm il-Perit Cortis jissupervizja s-*site* bhala perit. Qabel ma dahal Stanley Cortis hu kien tah istruzzjonijiet kif kellu jnehhi certi hitan u certi soqfa qabel ma ssir id-demolizzjoni biex is-*site* tista' topera *in a safe manner* u ma jkunx hemm konsegwenzi tad-*demolition.* Eliminaw is-soqfa u l-affarijiet li kellhom jitnehhew qabel u mbaghad seta' jidhol il-makkinarju biex ikunu jistghu jkomplu bit-twaqqiegh. Hu f' ebda punt ma kien informa lid-Dipartiment bil-*man hours* li kien ser jiehu l-progett. L-unika referenza li jista' jkun li qed jaghmel ix-xhud tal-prosekuzzoni kienet ghall-applikazzjoni inizjali. Din l-applikazzjoni titkellem fuq "*a duration of twelve months with a maximum of workers carrying out construction work on site at any one time of six workers".* Jekk qed jirriferi ghal din l-applikazzjoni, din tirriferi ghall-*construction work* u mhux ghad-*demolition* tas-*site*. Esebixxa - fuq ordni tal-Qorti - kopja ta' din l-applikazzjoni iffirmata minn Frederick Camilleri (Sic!) li huwa d-*designated supervisor on site*. Ix-xoghol tat-twaqqiegh ha forsi tlitt xhur u l-aktar li kien hemm nies *on site* kienu zewg persuni. It-twaqqiegh tal-idejn sar bl-idejn minn persuna wahda.

Hu la kien prezenti meta saret l-*inspection on site* u lanqas ghal-laqgha li saret dak in-nhar stess wara nofs in-nhar fid-Dipartiment.

**IL-PERIT STANLEY CORTIS** xehed li hu dejjem emfasizza li hu kien qed jagixxi "*on behalf of Mariello Spiteri*" waqt il-laqgha mal-ufficjali tal-Health And Safety. Il-klient ma kienx qal lill-ufficjal li hu kien is-*site supervisor*. Qallu li huma kienu l-periti w li l-klient kien *on behalf of*

*RJC Caterers*. Hu ma kienx prezenti waqt l-*inspection* li saret fis-16 t' April, 2007. Fil-granet ta' qabel kien hemm pero' u kienu anki hemm hu w il-perit Mariello Spiteri biex jaraw is-sitwazzjoni w qatt ma kienu jmorru fl-istess hinijiet biex jaccertaw li x-xoghol qed isir sew. Gurnata qabel kien hemm il-wardens. Il-granet ta' qabel l-ispezzjoni kienu naddfu fuq barra; il-faccata w dahlu bil-gaffa u t-truck gewwa. Kien hemm certu postijiet fejn ix-xoghol tal-hatt ma setax isir bl-idejn ghax kien hemm travi twal minn-naha sal-ohra w dan bil-fors ried isir bil-makkinarju kbir. Taht, il-post kien fabbrika w it-travi kienu jispannjaw minn-naha sal-ohra.

Oltre dawn il-provi, l-prosekuzzjoni kienet esebiet set ritratti *black and white* mehuda mix-xhud Melino Mercieca li jinsabu a fols. 4 u 5 tal-process. Giet esebita ukoll kopja ta' ittra bid-data tas-16 t' April, 2007, bil-*letter head* ta' EMDP Environment Management Design Planning indirizzata lil Silvio Farrugia, *Senior Manager, Occupational Health and Safety Authority* , u iffirmata mill-Perit Mariello Spiteri fejn jidher li din id-ditta infurmat lill-Awtorita' li *"…we are commencing works in order to demolish, excavate and construct development…"* u fejn ippropona kif setghu jsiru dawn ix-xogholijiet minnhabba in-natura partikolari tas-s*ite* in kwistjoni. Qal ukoll *inter alia* li: "*relevant health and safety report would be prepared in due course".* (Fols 6 u 7).

Giet esebita ukoll ittra li l-Awtorita' kitbet lid-Diretturi ta' R.J.C. Caterers, lid-Diretturi ta' E.M.D.P. Ltd u lill-kuntrattur J. Bonavia & Nephews Ltd. u li ggib id-data tal-ghada 17 t' April, 2007, fejn l-Awtorita' tathom rispettivament istruzzjonijiet precizi dwar x' kellhom jaghmlu biex jigu in regola, w fejn qalet li  wara li rceviet id-dokument ta' kjarifikazzjoni minnghand il-Perit Spiteri msemmi fil-paragrafu precedenti, kienet qed tirrevoka l-ordni taghha biex jieqfu x-xogholijiet u ppermettiet biss li jsiru xi *"remedial works indicated by Perit Mariello Spiteri in his letter of 16$^{th}$. April, 2007"* u fejn qalet li *"any further work is being prohibited"* u dan ukoll bla pregudizzju ghal kull azzjoni li setghet tittiehed skond l-art. 17 tal-Att XXVII tas-sena 2000. (Fols. 8,9 u 10)

Giet ukoll esebita mill-Perit Spiteri - fuq ordni ta' din il-Qorti - Occupation Health and Safety Authority - Construction Notification Form f' isem John Buttigieg ta' R.J.C. Developers ghall-"*demolition/ excavation/ construction of building"* fejn gew indikati bhala *construction supervisors* : John Micallef o.b.o. John Micallef Builders Ltd u John Bonavia o.b.o. J. Bonavia & Nephews. Gie indikat f' din l-applikazzjoni li x-xoghol ta' kostruzzjoni kellu jibda fis-16 t' April, 2007 idum xi tnax il-xahar u li ser jimpjega sitt haddiema. Gie dikjarat ukoll li d-*design supervisor* kien ser ikun l-Inginier Frederick Azzopardi u l-*construction supervisors* tal-progett kienu ser ikunu John Micallef Builders Ltd u John Bonavia & Nephews Ltd. u hemm il-firem ta' dan l-Inginier u tar-rapprezentanti ta' dawn iz-zewg ditti (prezumibbilment ghax huma illeggibbli) fuq dan l-istess dokument.

Gew esebiti wkoll il-Memorandum and Articles tal-kumpanija **"J. Bonavia and Nephews Limited"** (fols. 11 sa 29)

**L-Appellat** ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma xehedx ukoll fl-istadju tal-appell.

Ikkonsidrat;

Mill-ezami tas-sentenza appellata jidher li ma nghatat ebda motivazzjoni ghas-sentenza ta' liberazzjoni w din tghid testwalment biss :-

*"Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat Gordon Bonavia hati u ghaldaqstant tilliberah."*

Ikkonsidrat;

Fl-ewwel zewg imputazzjonijiet l-appellat gie akkuzat **li fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' J. Bonavia and Nephews Limited** naqas milli jhares is-sahha w sigurta' ta' l-impjegati , kif ukoll ta' persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir, ai termini ta' l-artikolu 6(1) tal-Att XXVII tas-sena 2000 (Kap.424 tal-Ligijiet ta'

Malta) li fl-istess kapicita' ta' direttur tal-istess socjeta' naqas li jaghmel evalwazzjoni xierqa , sufficjenti w sistematika tal-perikli ghas-sahha w sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol, ai termini tal-artikolu [recte: regolament] 10(1) tal-Avviz Legali 36 tas-sena 2003. Gie akkuzat ukoll li, **bhala persuna li jhaddem hames haddiema jew aktar,** naqas li jzomm kopja bil-miktub ta' dawn l-evalwazzjonijiet u dan ai termini tal-artikolu [recte : regolament] 10(2) tal-Avviz Legali 36/03 kif ukoll li fil-kwalifikja **ta' persuna li jhaddem,** naqas li jipprovdi w jizgura li jkun hemm, taht il-kontroll tieghu, fil-hinijiet kollha sinjali ta' sahha u/jew ta' sigurta' kif imiss u dan bi ksur ta' l-artikolu [recte: regolament] 4(1) tal-Avviz Legali 45 tas-sena 2002 .

Illi ghall-fini tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ghalhekk l-ewwel haga li trid tipprova l-Prosekuzzjoni hi li appellat kien direttur tal-kumpanija "J. Bonavia and Nephews Limited".

Illi jirrizulta mix-xiehda ta' Melino Mercieca li l-appellat kien il-persuna li kien fuq il-post fejn kien qed isir ix-xoghol ta' demolizzjoni dak in-nhar tas-16 t' April, 2007 u li kien prezenti ghal-laqgha li saret fl-ufficcju tal-awtorita' dak in-nhar tas-16 t' April, 2007. B' dana kollu meta l-ghada 17 t' April, 2007, l-Awtorita' kitbet lill-partijiet koncernati f' dan il-progett, ma indirizzatx l-ittra lill-appellat personalment izda lil The Directors, J. Bonavia & Nephews Limited. Fil-Construction Notification Form li jidher li sussegwentement ghall-inspection intbaghtet lill-Awtorita' pero' bid-data tas-16 t' April, 2007, l-isem tal-appellat ma jissemma mkien u jissemma biss certu J. Bonavia u s-socjeta' J. Bonavia & Nephews Limited. F' dan il-kaz Il-Prosekuzzjoni esebiet il-Memorandum and Articles ta' din is-socjeta' - li minnhom talvolta seta' jirrizulta li l-appellat kien xi direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-istess socjeta', li skond l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta), kien ikun kriminalment responsabbli ghal xi nuqqas kommess mill-istess socjeta'.

Izda mill-ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li fis-16 t' April, 2007 l-appellat kien biss **azzjonista** tas-socjeta' J.

Bonavia & Nephews Limited. Dan ghaliex b' rizoluzzjoni tat-28 t' April, 2006, registrata mal-MFSC fl-1 ta' Gunju, 2006, l-uniku direttur tal-istess socjeta' kien John Bonavia I.D. 279464 (ara fol. 15 tal-process) u ghalkemm sat-28 t' April, 2006 l-appellat jidher li kien direttur ma ohrajn tas-socjeta' bl-isem "A. Bonavia and Sons Company Limited", meta din bidlet isimha ghal "J. Bonavia and Nephews Limited" u saru xi emendi ohra ghall-istatut, hu ma baqax direttur. Inoltre il-company secretary jidher li baqa' Joseph Bonavia I.D. 268974. Lanqas ma gie pruvat li l-appellat kien xi *manager,* jew ufficjal iehor simili tal-istess socjeta'.

Ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova din il-kwalifika li tahtha l-appellat gie akkuzat skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Ergo dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx pruvati fil-konfront tieghu kif gie akkuzat.

Ghall-fini tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet lanqas ma gie pruvat li kien l-appellat li kien qed jimpjega lil xi haddiema fuq il-post tax-xoghol. Ma rrizultax li kien hemm aktar minn hames haddiema jahdmu hemm fis-16 t' April, 2007 jew fil-gimghat ta' qabel. In fatti l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni waqt l-*inspection* ra biss zewg persuni. Lanqas ma gie pruvat li hu kien qed ihaddem nies hemm. Ghalkemm kien qieghed fuq il-post tax-xoghol, dan ma jeskludix li hu kien hemm bhala impjegat tas-socjeta' li rrizultat li kienet il-kuntrattur.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk ma gewx pruvati, kif irid jigi pruvat skond il-ligi, li l-appellat kien qed jagixxi bhala direttur, li kien qed ihaddem u, inqas u inqas, li kien qed ihaddem aktar minn hames minn-nies fuq dak il-post tax-xoghol w ergo ghalhekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ma jirrizultawx pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------